MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## FRANCO DEPASQUALE

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 2094/1995/1

**Loreto Abela**

**Vs**

**Alfred Azzopardi**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li gie pprezentat fl-1 ta' Dicembru 1995 fejn gie premess:

Illi l-konvenut wieghed li kellu jisprejja karozza tal-marka Golf appartenenti lill-konvenut (*sic.*) bis-somma ta' Lm340;

Illi hu ha l-karozza u ha mitt lira Maltija (Lm100) bhala depozitu ghax-xoghol;

Illi dan ix-xoghol il-konvenut ma temmu qatt u l-attur irid itemm dan l-appalt;

Illi l-attur ried lura l-karozza u mitt Lira Maltija;

Illi l-konvenut ghandu wkoll is-sidien u t-tapezzerija tal-karozza;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Prevja kull dikjarazzjoni li tkun necessarja tordna u tikkundanna lill-konvenut jaghti lura lill-attur il-karozza tal-marka Golf Volkswagen u s-seats u t-tapezzerija kollha appartenenti ghall-istess karozza;

2. Tordnalu jhallas lura lill-attur is-somma ta’ Lm100 jew somma ohra verjuri dipendenti fuq kemm lahaq sar xoghol fuq il-karozza;

Bl-ispejjez u bl-interessi inkluzi l-ispejjez ta’ l-ittra bonarja tad-9 ta’ Frar 1995;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-14 ta’ Marzu 1996 tal-konvenut fejn gie eccepit:

1. Illi t-talbiet attrici kienu infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk kellhom jigu michuda ghar-ragunijiet segwenti;

2. Illi ma kienx minnu li l-konvenut kellu jaghti mitt lira lill-attur, anzi l-attur huwa debitur tal-konvenut fis-somma ta’ Lm220 kif kellu jigi spjegat aktar ‘il quddiem;

3. Illi kien l-attur li ma zammx il-ftehim u qatt ma nzamm milli jiehu l-karozza in kwistjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut fejn ippremetta:

Illi kien sar ftehim bejnu u bejn l-attur fis-sens li l-konvenut izarma u jerga jarma t-tapizzerija u s-sidien u jisprejja karozza Volkswagon Golf proprjeta ta’ l-attur ghas-somma ta’ Lm380, li minnhom l-attur halla depozitu ta’ Lm100;

Illi l-konvenut kien lahaq ghamel xi xoghol fuq il-Volkswagen Golf li jistma mal-Lm250;

Illi filwaqt li l-konvenut kien qieghed jahdem fuq il-Volkswagen, l-attur hadlu karozza ohra u cioe` Mercedes 190 u gie miftihem li tax-xoghol u spejjez l-attur ihallas lill-konvenut is-somma ta’ Lm280, u fil-fatt l-attur hallas biss Lm210 u baqalu jhallas lill-konvenut Lm70;

Illi wara dan, l-attur hallas l-Volkswagen Golf fil-garaxx tal-konvenut ghal madwar tlett snin u ma resaqx aktar lejn il-garaxx tal-konvenut;

Illi ghalhekk il-konvenut ghad baqalu jithallas minghand l-attur is-somma ta’ Lm220 kwantu ghal Lm70 bhala l-kumplament tal-hlas fuq ix-xoghol fuq il-Mercedes u Lm150 bhala l-kumplament tal-hlas fuq il-Volkswagen Golf;

Talab ghalhekk il-konvenut lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-attur ghandu jaghti s-somma ta’ mitejn u ghoxrin lira Maltin (Lm220) kwantu ghal Lm150 bhala l-kumplament tal-hlas fuq xoghol fuq il-VW Golf u kwantu ghal Lm70 bhala l-kumplament tal-hlas tax-xoghol fuq il-Mercedes 190;

2. Tikkundanna lill-attur ihallsu s-somma ta’ Lm220 ghar-ragunijiet fuq premessi;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet relattivi sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut Alfred Azzopardi u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Semghet lix-xhieda prodotta;

Semghet lid-difensur ta’ l-attur; il-konvenut u d-difensur tieghu ma dehrux fil-jum tat-trattazzjoni tal-kawza;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta li fl-1992 l-attur kien ha karozza VW Golf ghand il-konvenut sabiex dan jisprejjahielu minn barra u minn gewwa, u kien tah Lm100 depozitu. Xi zmien wara kien anke hadlu Mercedes izda skond l-attur ma kinux ftehmu fuq prezz. Meta lesta x-xoghol fuq il-Mercedes il-konvenut talbu Lm280 izda l-attur dehrlu li l-ammont kien esagerat u tah biss Lm200. Sussegwentement il-konvenut alloka l-Lm100 depozitu fuq il-Golf bhala parti mill-prezz tax-xoghol fuq il-Mercedes. Il-Mercedes hadha lura l-attur izda l-Golf baqghet ghand il-konvenut;

<u>Provi</u>:

Illi l-Qorti tosserva li x-xhieda tal-partijiet hija konfliggenti hafna:

Dwar il-ftehim fuq il-prezz tax-xoghol fuq il-Golf, l-attur xehed *“Is-sid tal-garaxx, cioe` Alfred Azzopardi, kien qalli li dax-xoghol li tlabtu jaghmilli fuq dil-karozza kien se jiswini bejn Lm300 u Lm340.”* Kontro-ezaminat qal li l-prezz miftiehem kien ta’ bejn Lm300 u Lm330. Il-konvenut min-naha tieghu xehed *“Dan kellu jsir ghall-prezz miftiehem ta’ Lm380 ...”.* Kontro-ezaminat qal li huwa kien nizzel fuq id-diary li tal-Golf kellu jhallsu Lm380 (kopja tal-pagna tad-diary relattiva esebita a fol. 57);

Dwar il-Mercedes, l-attur xehed illi originarjament kienu ftehmu fuq Lm90 biex il-konvenut jirraxkalu mill-bibien ‘l isfel. Imbaghad kien hajru biex ghal ftit iehor jaghmel is-saqaf ukoll peress li kellu ghafsa zghira. *“Meta staqsejtu, ghal hafna drabi, kemm kienet tigini biex naghti raxkatura s-saqaf ukoll huwa qalli li dwar dan konna nirrangaw wara.”* Il-konvenut min-naha tieghu xehed hekk “... *ftehmna jiena u l-attur li l-Mercedes nisprejjaha kollha minn barra biss ghas-somma ta’ Lm280.”* Kontro-ezaminat huwa qal li kien nizzel notament fid-diary tieghu dwar kemm kien il-prezz tax-xoghol fuq il-Mercedes u esebixxa l-kopja tal-pagna tad-diary relattiva (fol. 58). Fuq il-pagna tad-diary il-konvenut nizzel *“Lm21O paid only”;*

Dwar il-mod ta’ kif l-attur hallas lill-konvenut ghax-xoghol fuq il-Mercedes, l-attur spjega li kien bghatlu Lm200 ma’ certu Peter Bonello li kien qed jaghmilha ta’ medjatur bejn il-partijiet. *“Fl-4 ta’ Novembru 1993, Peter Bonello kien gie ghandi biex jghidli li Azzopardi kien kuntent b’Lm200. Ghalhekk dak il-hin stess jiena bghatt ma’ Bonello lil Azzopardi cekk f’dak l-ammont in full and final settlement.”* Il-konvenut da parti tieghu xehed *“Mhux minnu li baghtli c-cekk ta’ Lm200 ma’ Peter Bonello izda c-cekk tah lili u kif ghidt qabel, rega hadu u tani flus cash.* “Bonello xehed hekk “*Nichad li kien baghat xi cekk mieghi. Mieghi ma baghat xejn.”* Kontro-ezaminat l-attur baqa’ jinsisti li kien ghadda c-cekk ma’ Bonello u spjega li xi hmistax wara meta mar ghand il-konvenut, huwa kien ghad kellu c-cekk “*... rega’ tah lili u jiena tajtu l-Lm200 cash”;*

Illi l-konvenut xehed li *“mit-Lm300 li b’kollox tani l-attur jiena kont zammejt Lm280 ghall-Mercedes, Lm10 ghal speedometer li kont sewwejtlu u jibqa’ Lm10 favur l-attur. Jiena l-Lm10 l-ohra ma tajthielux bqija imma zammejtha* ghal fuq il-Golf”;

Dwar ix-xoghol fuq il-Golf li allegatament kien diga inbeda mill-attur stess, huwa xehed hekk, *“Huwa jew lavranti tieghu, kien ghadu ghamel biss undercoat fuq il-qafas tal-Golf u kienet ghadha zarmata. Ghalhekk, jiena ma stajtx nehodha lura. Ghandi nghid illi t-tqaxxir taz-zebgha li kellu bzonn isir qabel isir l-ispray kienu ghamluhuli lavranti*

*tieghi fil-garaxx tieghi stess.”* Il-konvenut min-naha tieghu qal li *“Mhux minnu wkoll li l-Golf tqaxxret mill-attur jew nies ohrajn inkarigati minnu, izda dan ix-xoghol ghamiltu kollu jien.”*

Kunsiderazzjonijiet:

Illi hemm qbil fuq li l-attur b’kollox hallas lill-konvenut Lm300. Hemm nuqqas ta’ qbil pero` fuq il-prezz miftiehem ghax-xoghol fuq iz-zewg vetturi;

Il-Golf:

Illi dwar il-Golf, l-attur jghid li l-ftehim kien ghal Lm340 filwaqt li l-konvenut jghid li l-prezz miftiehem ghall-isprej kien ta’ Lm380. Ghalkemm hemm dan in-nuqqas ta’ qbil dwar il-prezz ta’ l-isprej, jirrizulta li l-isprej effettivament ma sarx, izda sar biss xi xoghol preparatorju ta’ qabel l-isprej;

Illi fix-xhieda tieghu tal-5 ta’ Dicembru 2002, il-jum tat-trattazzjoni finali tal-kawza, l-attur, fuq domanda tal-Qorti, ikkonferma li l-Golf kien hadha ghand il-konvenut irmunkata u tahielu *body* biss wara li kien qaxxarha bil-paint remover; (ghalkemm fl-affidavit tieghu (fol 15) kien qal li hadhielu bit-tapezzerija u s-seats, u dan gie anke konfermat mill-konvenut fl-affidavit tieghu (fol 27). Dwar ix-xoghol li sar, l-attur qal li l-konvenut kien stokjahhielu u taha l-undercoat, izda baqa’ ma sprejjahhielux. Huwa ikkonferma wkoll li l-Golf ghadha ghand il-konvenut sa llum. Fuq dan ma jidhrix li hemm kontestazzjoni;

Illi l-Qorti thoss li Lm100 bhala prezz ta’ l-istokkjar u *l-undercoat* ta’ vettura hija somma ragonevoli, u dan anke tenut kont tal-fatt li l-istorja tmur lura 10 snin. Ghalhekk il-Qorti ma thossx li l-attur ghandu jzid lill-konvenut xi ammont iehor oltre dak li diga` hallsu bhala depozitu ghax-xoghol li huwa ghamillu fuq il-Golf;

Il-Mercedes:

Illi fir-rigward tal-Mercedes, hawnhekk ukoll il-partijiet ma qablux fuq il-prezz.  F’dan il-kaz pero`, ma jidhrix li kien hemm ftehim minn qabel - il-konvenut jghid li ftehmu fuq Lm280 u irrefera ghan-notament f’dan is-sens fid-djarju tieghu, liema notament pero`, m’ghandu ebda firma ta’ l-attur hdejh, u ghalhekk hija biss kelma ta’ wiehed kontra l-iehor. Di piu, l-estratti mid-djarju tieghu tfaccaw fi stadju avvanzat tal-kawza; gew esebiti fid-29 ta’ Jannar 2001 quddiem l-Assistent Gudizzjarju, u cioe` hames snin wara li nfethet il-kawza. Mistoqsi ghalfejn naqas li jesebixxi l-kopji mid-djarju tieghu ma’ l-eccezzjonijiet jew ma’ l-affidavit tieghu, il-konvenut wiegeb *“dana ma ghamilrux ghax insejthom.”*  L-attur min-naha tieghu xehed li kienu ftehmu fuq Lm90 biex itiha raxkatura mill-bibien ‘l isfel u li l-konvenut kien qallu li *“ghal ftit iehor”* seta’ jaghmillu s-saqaf ukoll. Il-konvenut pero` xehed li kienu ftehmu li jisprejjahhielu kollha minn barra biss u li ftiehmu fuq Lm280;

Illi l-Qorti ma tikkunsidrax in-notament fid-djarju tal-konvenut bhala prova konklussiva li l-ftehim fir-rigward tal-Mercedes kien fuq Lm280. Kif diga gie osservat, m’hemm l-ebda firma ta’ l-attur hdejn dan l-ammont li tikkonferma li l-ftehim kien propju f’dan is-sens. Di piu, il-Qorti taraha stramba li tali dokument gie ipprezentat tard fil-kawza meta dan kien dokument li ilu ghandu minn qabel ma nfethet il-kawza odjerna;

Illi l-Qorti tosserva li ebda parti ma ressqet provi wisq konvincenti anzi hi perswaza li ebda wahda mill-partijiet ma xehdet il-verita` kollha – anqas ingiebu provi sufficjenti dwar l-istat tal-Golf meta ittiehdet ghand il-konvenut.  Ix-xhud prodott ma ccarax il-posizzjoni.  Il-partijiet anqas qablu dwar il-prezz u jekk kinex hemm prezz miftiehem;

Illi tenut kont tal-fatt li ma giex pruvat li kien hemm ftehim specifiku fuq ix-xoghol li kellu jsir fuq il-Mercedes u wisq anqas fuq il-prezz relattiv, il-Qorti jidhrilha li l-konvenut ghandu jibqa’ bil-Lm200 li tah l-attur f’dan ir-rigward. Ladarba ma jirrizultax li kien hemm ftehim specifiku fuq il-

prezz ghall-Mercedes, il-konvenut ma kellu ebda dritt jalloka parti mid-depozitu fir-rigward tal-Golf bhala parti mill-prezz ta' l-isprej tal-Mercedes.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' l-Ewwel Talba attrici u tordna lill-konvenut jirritorna l-karozza Volgswagon Golf bil-parts u b'dak kollu li jiappartjeni lill-istess karrozza lill-attur;

Tichad it-Tieni Talba;

U tichad it-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut;

L-ispejjez fic-cirkostanzi jithallsu bin-nofs bejn il-kontendenti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------